MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Talba Numru. 81/2008

**Talba Nru: 81/08 PBC**

**Go P.L.C – C 22334**

**-vs-**

**Nazzareno Muliet – I.D. 626647(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma t'erba' mija u zewg Euro u tnejn u sebghin centezmu (€402.72) – (Lm172.89c) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21337471 skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mal-Avviz mmarkati Dokument A u B. Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-

avviz kontra l-konvenut u li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax l-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma t'erba' mija u zewg Euro u tnejn u sebghin centezmu (€402.72) – (Lm172.89c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------